# Il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena fil-Qrendi

**Ramona Spiteri**

F'Malta u Għawdex insibu aktar minn knisja waħda ddedikata lil Madonna tal-Ħniena u fost dawn insibu waħda li tinsab fil-parroċċa tal-Qrendi. Kappella sabiħa, storika u interessanti ħafna.

Fl-antik ħafna il-parroċċa taż-Żurrieq kellha mdaħħla magħha l-irħula tal-madwar li kienu, Qrendi, Bubaqra, Ħal Millieri, Ħal Lew, Ħal Manin u Ħal Far. Billi f'dawk iż-żminijiet ir-raħal tal-Qrendi u Ħal Lew kienu jitqiesu bħala xi ftit il-bogħod miż-Żurrieq, din il-kappella tar-raħal ta' Ħal Lew kienet isservi bħala viċi-parroċċa taż-Żurrieq.

Il-poplu tal-Qrendi kien ilu jit-lob biex il-Qrendi jinqata' miż-Żurrieq u fil-15 ta' Frar 1618 l-Isqof Cagliares iddikjara l-Qrendi bħala parroċċa u b'hekk inqata' miż-Żurrieq u miegħu ħa wkoll lil Ħal Lew u Ħal Manin.

Il-kappella tal-Ħniena, li kien hemm f'Ħal Lew, tmur lura għas-seklu 13. Fil-fatt kienet inbniet fl-1250. Maż-żmien bdiet tiġi ttraskurata u għalhekk fl-1575 kienet ġiet ipprofonata minn Mons. Duzina.



Il-kappella tal-Madonna tal-Ħniena fil-Qrendi mibnija fl-1650 wara li oħra li kien hemm minflokha ġiet dekonsagrata mill-Arċisqof Dusina fl-1575 peress li kienet fi stat ħażin

### Inbniet mill-ġdid

Maż-żmien twaqqgħet u fl-1650, fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Camilleri, reġgħu bnewha mill-ġdid. Is-sagristija ġiet mibnija fl-1668. F'din il-kappella wieħed isib tliet altari.

> Meta tidħol fil-kappella tibqa' impressjonat bil-kobor tagħha u bis-skiet li jsaltan fiha

Il-kappella tal-Ħniena hi kemxejn kbira b'qisien ta' 65 pied tul u 18□2 pied wisa'. Minbarra s-sbuħija fuq ġewwa din il-kappella hi mżejna wkoll b'portiku sabiħ li nbena biex iservi bħala kenn għal pellegrini li spiss kienu jżuru din il-kappella. Madwar dan il-portiku nsibu numru ta' loġoġ li bejniethom naraw l-istatwi ta' Sant Injazju, San Gejtanu, San Duminku u San Franġisk filwaqt li ħdejn il-bieb il-kbir naraw żewġ statwi oħra, dik ta' San Pawl u ta' San Ġwann Battista.

Il-kappella hi mdawwra wkoll b'zuntier kbir b'għadd ta' balavostri u bejniethom hemm disinji differenti li kollha jfakkruna fil-Madonna. Min- naħa tax-xellug wieħed jista' jifli s-sbuħija arkitettonika tal-kappella b'mod speċjali l-kwadranti tal-koppla.

Meta tidħol fil-kappella tibqa' impressjonat bil-kobor tagħha u bis-skiet li jsaltan fiha. Il-prospettiva tal-altar maġġur fiha xogħol sabiħ fil-ġebla Maltija dettaljat ħafna li fih naraw bosta anġli, fosthom tnejn li jidhru jżommu l-kwadru titulari u tnejn oħra li jidhru jġorru kuruna għal fuq ras il-Madonna. Il-kwadru titulari jurina lill-Madonna bil-bambin bilqiegħda fuq il-qamar u mdawwra b'numru ta' Anġli, filwaqt li fuq il-lemin jidher San Gejtanu bil-ktieb f'idu u bil-ġilju taħt riġlejh u fuq in-naħa l-oħra jidher żewġt erwieħ. Fuq in-naħa tal-lemin tal-artal maġġur jinsab bieb li warajh hemm it-taraġ (garigor) li jwassal sa fuq il-bejt tal-kappella.

### Restawr

Bħalissa din il-kappella qiegħda fi stat li qed tiġi restawrat u għalhekk il-kwadri *ex-voto* kolħa ttieħdu l-knisja parrokkjali filwaqt li l-istatwa tal-Madonna tinsab fil-kappella ta' San Mattew. Però nistgħu nagħtu ħarsa lejn dawn l-oġġetti kif kienu jinsabu fil-kappella tal-Ħniena qabel beda r-restawr xi snin ilu.

Fuq ix-xellug tal-artal maġġur kien hemm brazz sabiħ skulturat fl-injam (li jinsab fil-knisja parrokkjali) u ieħor bħalu jinsab fil-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt. Fuq il-lemin tal-artal kienet tinsab l-istatwa oriġinali tal-Madonna tal-Ħniena fuq stil Spanjol, li kienet ġiet mogħtija mill-Balliju Von Guttenberg. Din l-istatwa hi liebsa lbies veru, libsa ta' tieġ li ngħatat bħala rigal.

F'din l-istess naħa kien hemm il-kwadru ta' Sant'Antnin ta' Padova, impitter mill-pittur Malti Rokku Buhagiar. Hu kwadru li jixhed id-devozzjoni antika lejn dan il-qaddis f'din il-kappella. Tant hu hekk li nsibu li fil-vista ta' l-Isqof Alpheran de Bussan, naqraw li kull sena f'din il-kappella kienet tkun ċelebrata l-festa ta' dan il-qaddis. Taħt dan il-kwadru kien hemm ix-xbieha ta' Ġesù Redentur, xbieha antika li kienet inġabet hawn minn waħda mill-knejjes tal-Kottonera. Illum din l-istatwa tar-Redentur tinsab miżmuma fil-kappella ta' Santa Katerina.

Oġġetti oħra li kien hawn f'din il-kappella kienu, konfessjonarju qadim ħafna li jmur lura għas-seklu 18 bl-istil tiegħu magħluq u x-xogħol li fih hu xhieda tal-qedem ta' din il-biċċa għamara. Fuq in-naħa tax-xellug fil-korsija, naraw statwa tal-Madonna bil-Bambin. Hi statwa li saret minflok oħra aktar qadima li kienet tal-injam u li kienet izzanznet fl-1658.

### Kwadri votivi

Hawn kien miżmum ukoll kwadru li jirrappreżenta tliet personaġġi, aktarx ta' San Rajmondu ta' Penafort, San Pietru Nolasco u Jaime 1 'el Conquistador' sultan ta' Aragona (1263-1276) li kienu waqqfu l-kongregazzjoni "De Merced Redemptionis Captivorum" (tal-ħniena u fidwa tal-ilsiera).

F'din il-kappella (qabel beda r-restawr) kienu miżmuma b'devozzjoni kbira ħafna kwadri votivi, magħrufa aħjar bħala *ex-voto*, li fihom naraw grajjiet ta' mard u taqbid. Xi wħud minnhom fihom ukoll id-data bħalma hu dak li jfakkar il-pesta tal-1676 u oħrajn mogħtija mill-Balliju Von Guttenburg.

Ħdejn il-bieb maġġur kien hemm żewġ kwadri tassew interessanti. Wieħed fih xbihat ta' bosta qaddisin protetturi ta' xi mard jew ħidma, bħal, jSan Kristoforu, padrun tal-vjaġġi u t-tempesti, San Blas, padrun tal-mard tal-griżem, Santa Katerina, padruna tal-filosofi u Santa Margerita, padruna tal-ħlas u tal-mard tal-kliewi. Kwadru ieħor jirrappreżenta t-tentazzjonijiet different jew kif huma magħrufa "Is-seba' rjus tad-dnubiet il-mejta". F'dan il-kwadru jidher ħmar mgħobbi b'ħafna qfief mimlija vizzji ħżiena. Hu żgur kwadru interessanti u uniku.

### Gallarija tal-orgni u indulġenzi

Fuq il-bieb maġġur naraw ukoll gallerija li kienet tintuża għal kantanti u l-orkestra fil-jiem tal-festa. Din il-kappella hi mżejna wkoll b'sagristija żgħira imma ħelwa ħafna speċjalment l-iskultura li fiha, bħalma hi x-xbieha tal-Missier Etern li tidher fuq it-tieqa. F'kantuniera jidher ukoll fonti antik tal-ilma mbierek li sar fl-1769. Hu għamla ta' arzella u fih tidher l-arma tal-Balliju ta' Branderburg, Fra Wolfgang von Guttenberg, li kellu l-post tal-villeġġjatura sewwa sew fit metri 'l bogħod minn din il-kappella.

Pittura oħra li kien hemm fil-kappella turi x-xena tal-Golgota li jingħad li hi ta' Suor Maria De Dominicis, allieva ta' Mattia Preti. Il-kurċifiss kien ukoll ingħata minn Guttenberg.

Fit-18 ta' Marzu 1695, fuq talba tal-Kappillan Duminku Formosa, il-Papa Innoċenz XII għogbu jżejjen lil din il-kappella b'indulġenzi. Diversi isqfijiet żaru din il-kappella fosthom, l-Isqof Molina li ġie hawn fit-3 ta' Mejju 1679 u qal li din il-kappella hi magħrufa wkoll bħala Sidtna Marija tal-Grazzji. L-Isqof Alpheran de Bussan żar il-kappella fis-sena 1745, minn fejn beda ż-żjara pastorali tiegħu fil-parroċċa tal-Qrendi.



L-istatwa tal-ġebel tal-Madonna tal-Madonna tal-Ħniena li tinsab fil- pjazza ċkejkna li hemm ħdejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena. Il-pedestall tal-istatwa għadu kif ġie miżbugħ mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.